# IT-TORTA TA' WIĠI

F'raħal twelidu Wiġi tat-Tajjeb kien magħruf minn kullħadd. Min-nies tax-xatt, għax kien jiltaqa magħhom fil-għaxijiet fil-ħwienet tax-xorb; min-nies tas-sengħa, għax kien sikwit, wara li tispiċċa il-quddiesa tat-tmienja, imur ilablab issa għand dak il-mastrudaxxa sa kemm idoqq nofs-inhar; mill-bdiewa, għax dilettant tal-kaċċa kien ikollu bilfors iħabbat wiċċu magħhom fi żmien il-passa tal-għasafar.

Minn dan jidher li Wiġi ma kienx mitfugħ għax-xogħol. U lanqas kellu għal fejn ikun. Ftit ġonot raba li kien ħallielu missieru kienu jagħtuh biżżejjed renti biex igħaddu m'hux ħazin hu u martu. Ma satax jonfoq iż-żejjed. Dan kien jafu hekk tajjeb Wiġi li ħlief mall-kapricc tal-kaċċa u ieħor qatt ma fettillu jorbot qalbu. L-ieħor kien li jiekol xi ħaġa tajba. Sikwit kien igħidilha lil martu biex issajjarlu bċiċen stuffat, torot tal-fniek, ravjul, u dan. Arah imbagħad lil Wiġi jagħmel sehmu fi platt, u joħroġ barra mid-dar biex imur jieklu f'xi ħanut. Kienet l-għaxqa ta' Wiġi jara l-min iħares fuq il-platt tiegħu b'sebagħ għajnejn u jisma l-min ipespes: "ara Wiġi kemm jaf jiekol; dak mhux bħalna, biċċa ħobż biż-żejt tielgħa u oħra niezla". Wiġi kien daqxejn fanfarun, u fl-istess ħin daqxejn iħobb jinki.

L-iżjed li kien imħabbat kien ma' wieħed Pawlu. Qisu kull darba li jiltaqgħu għal ħin l-ikel fil-ħanut, Wiġi kien jibdielu: "Pawl, x'illestietlek sabiħ, illum, Marì tiegħek? Puħħ, minestra! Dejjem minestra tiekol int. Hares, bħal dan għidilha issajjarlek ħalli tkun taf x'inti tiekol". Pawlu ma kienx iwieġbu. Kien jaf li martu, bl-erbagħ soldi li kien jagħtiha ma setgħetx issajjarlu ħlief platt minestra jew l-iżjed platt għaġin. Mill-bqija Pawlu kien jaf xi jgħid u x'għandu jagħmel meta tiġih id-daqqa.

Darba f'nofs inhar, meta wieħed mill-ħwienet tar-raħal kien mimli balla bin-nies, li fosthom kien jinsab Wiġi qiegħed jiekol torta bil-mod il-mod, arah jidħol Pawlu. Daħaqlu Wiġi u qallu: "M'hemmx għalfejn nistiednek biex tiekol; diġa naħseb għandek żaqqek mimlija daks għenba. Is-soltu minestra, int, Pawl... le, le, imbierek min ivvinta it-torot. Din tiegħi, imbagħad, ma hawnx bħalha. Fiha bajd,ġbejniet, arkotta,

ġobon, ikkapuljat tal-majjal u minn kull ma titlob is-sengħa tat-tisjir. Alla jbierek din tal-lum x'waħda kienet. Ħallejt nofsha għal-lejla. X'għandna mid-dinja? Nieklu tajjeb, biex ingawdu hawnhekk, u nieħdu ħsieb ruħna biex ingawdu fl-oħra wkoll. Kif, mela sejjer Pawl?...

—"Iva, iżda dalwaqt narġa niġi" wieġeb l-ieħor fil-waqt li telaq il-barra. Wara ftit minuti Pawl raġa lura tassew. Kellu f'idu nofs torta daqsiex. "Kulu" għajjat, iħares lejn naħa u oħra tal-ħanut. "Min jogħġbu. Torta tajba għall-aħħar. Fiha ġobon, bajd, ġbejniet, arkotta, u x'naf jien. Wiġi għallimni; mid-dinja m'għandna xejn... hemm, fiha l-ikkapuljat tal-majjal ukoll".

In-nies tal-ħanut kollha bdew jidħqu; kollha kienu xammew x'kienet l-affari. Wiġi biss qarras wiċċu, baxxa rasu, qam u raġa qagħad xi darbtejn f'postu, sa kemm fl-aħħar ħareġ il-barra. Baqa sejjer dritt id-dar.

—"Fejn hu n-nofs tat-torta? "staqsa lil martu malli wasal.

—"X'inti tgħid? wieġbitu din miblugħa.

—"In-nofs tat-torta li ħallejt għal-lejla...

—"Mela m'aħniex hawn. X'ilu li ġie Pawlu jgħidli biex nibgħatlek in-nofs tat-torta l-ħanut. Ma nagħmlux mod li xrobt xi qatra żejda. Eħ Wiġ, l-imbid m'għandekx xi tridu.

Ilsieħ Wiġi żamm. Issa kien sgur li kull ma ħaseb kien minnu. Martu ma kellhiex tort talli qaltlu li qaltlu. U Pawlu lanqas kellu tort talli għamel li għamel. Ta' kemm kien inkieh, Pawlu ried jitħallas.

Ant. Farrugia.